# Qiegħ il-baħar

Minn taħt stâr ikħal ċar hemm tittawwal
Min jaf kemm ġie li rajtek ilħaqt
Qisek ħabsi bla ħtija tixxennaq
Raġġ ix-xemx li qatt f'għomrok m'għannaqt

Xi elf darba tnehidek wasalli
Mat-tgergir taċ-ċagħkiet jgħajtu sħiħ
Tkun tixxennaq li tbus darba l-kwiekeb
Imma l-bomblu tkun timla bir-riħ.

Ukoll nagħder l-imċaħħda saltnatek
Minn kull fwieħa ta' żiffa u ward,
Taħseb xejn imma mbagħad li l-art tiegħek
Hi biss waħx, kruha u dlam, twegħir, bard!

Fik il-qrolla twarradlek, tħammarlek
Flok il-ġilji il-ġawhar jagħnik
Bebbux jirgħa fl-anemnu ħadrani
U ir-rizzi bis-sjuf jgħassu fik.

Int art safja li s-semm qatt ma tiefsek
Fejn sħabiet sewdinin ma jgħaddux
L-ebda ħoss ħlief tisfir ħlejju ħlejju
Ta' ħutiet li ħlief b'ferħ ma jafux.

Qiegħ il-Baħar inħobbok taf għala?!
....U għax f'qalbi int ilek is-snin?!
....Għax bqajt dejjem bħal kif Alla ħalqek
Bla tibdil u tiswir mill-bnedmin.

Marî Meylak